

Brussell, 24 ta' Novembru 2015
(OR. en)

14441/15

EDUC 310
SOC 690
EMPL 449
JEUN 112

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 23 ta' Novembru 2015

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 13860/15 EDUC 293 SOC 648 EMPL 426 JEUN 104

Suġġett: Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tnaqqis tat-tluq bikri mill-iskola u l-promozzjoni tas-suċċess fl-iskola
- *Konklużjonijiet tal-Kunsill (23 ta' Novembru 2015)*

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tnaqqis tat-tluq bikri mill-iskola u l-promozzjoni tas-suċċess fl-iskola, adottati mill-Kunsill fit-3428 laqgħa tiegħu li saret fit-23 ta' Novembru 2015.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tnaqqis tat-fluq bikri mill-iskejjel u l-promozzjoni tas-suċċess fl-iskola

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

FIL-KUNTEST TA'

- Il-mira tal-Ewropa 2020 fil-qasam tal-edukazzjoni biex titnaqqas ir-rata medja Ewropea ta' dawk li jtilqu mill-iskola qabel iż-żmien¹ għal inqas minn 10 % sal-2020²;
- Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Mejju 2009 dwar qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ ("ET 2020")³;
- Ir-Rapport Konġunt tal-2015 tal-Kunsill u l-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u fit-taħriġ⁴,

B'KONT MEĦUD TA'

- Ir-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar il-kompetenzi ewlenin għat-tagħlim tul il-ħajja⁵;
- Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2010 dwar id-dimensjoni soċjali tal-edukazzjoni u t-taħriġ;⁶

¹ Is-sehem tal-popolazzjoni bejn it-18 u l-24 sena li għandhom biss edukazzjoni sekondarja tal-ewwel livell jew inqas u li ma għadhomx involuti fl-edukazzjoni jew it-taħriġ. (Eurostat/Stħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol).

² EUCO 13/10, ANNESS I, ir-raba' inċiż (p.12).

³ ĠU C 119, 28.5.2009, p. 2-10.

⁴ ĠU C, , p...

⁵ ĠU L 394, 30.12.2006, p. 10-18.

⁶ ĠU C 135, 26.5.2010, p. 2-7.

- Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kura u l-edukazzjoni bikrija tat-tfal: nagħtu lil uliedna l-aqwa bidu għad-dinja ta' għada⁷;
- Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2011 dwar linji politiċi sabiex jitnaqqas it-tluq bikri mill-iskejjel⁸, b' mod partikolari il-qafas ta' politika anness, u l-appell tagħha li jiġi żgurat li l-Istati Membri jkollhom fis-seħħ linji politiċi komprensivi dwar it-tluq bikri mill-iskola, li jinkludu miżuri ta' prevenzjoni, intervent u kumpens sa tmiem l-2012;
- Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-1 ta' Diċembru 2011 dwar l-indirizzar tat-tluq bikri mill-iskola⁹;
- Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' April 2013 dwar it-twaqqif ta' Garanzija għaż-Żgħażaġh¹⁰;
- Id-Dikjarazzjoni ta' Pariġi tas-17 ta' Marzu 2015 dwar il-promozzjoni ta' -ċittadinanza u l-valuri komuni tal-libertà, it-tolleranza u n-nondiskriminazzjoni permezz tal-edukazzjoni,

U FID-DAWL TA'

- Is-simpożju tal-Presidenza Lussemburġiża *Staying on Track - tackling early school leaving and promoting suċċess in school* li sar fil-Lussemburgu fid-9 u l-10 ta' Lulju 2015, li laqqa' flimkien parteċipanti mill-UE kollha fl-oqsma tat-tfassil tal-politika, ir-riċerka u l-prattika biex jiġi diskuss dan is-suġġett importanti;
- Il-konferenza tal-Presidenza Lussemburġiża dwar id-*Diversità u l-Multilingwiżmu fl-Edukazzjoni u l-Kura Bikrija tat-Tfal* li saret fil-Lussemburgu fl-10 u l-11 ta' Settembru 2015;

⁷ ĠU C 175, 15.6.2011, p. 8-10.

⁸ ĠU C 191, 1.7.2011, p. 1-6.

⁹ ĠU C 165E, 11.6.2013, p. 7-19.

¹⁰ ĠU C 120, 26.4.2013, p. 1-6.

- Ir-rapport finali tal-2013 tal-Grupp ta' Ħidma Tematiku ET2020 dwar it-tluq bikri mill-iskola u l-messaġġi ta' politika tal-2015 tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Politika tal-Iskejjel;
- Ir-rapport tal-2014 tal-Grupp ta' Ħidma Tematiku ET2020 dwar l-Edukazzjoni u l-Kura Bikrija tat-Tfal li jipproponi prinċipji ewlenin għal Qafas ta' Kwalità f'dan il-qasam,

JIKKUNSIDRA LI

Fl-istadju tan-nofs kemm fl-istrateġija Ewropa 2020 kif ukoll fil-qafas strateġiku ET 2020, u erba' snin wara li l-Kunsill adotta rakkomandazzjoni dwar linji politiċi sabiex jitnaqqas it-tluq bikri mill-iskola¹¹, wasal iż-żmien li jittieħed kont tal-progress li sar s'issa, bil-ħsieb li jiġu rieżaminati, konsolidati u mtejbja miżuri li għandhom l-għan li jnaqqsu dan il-fenomeno u li jipromwovu s-suċċess fl-iskola għal kulħadd.

Mill-adozzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill fl-2011 s'issa, bosta sejbiet ta' qabel dwar it-tluq bikri mill-iskola (ESL) ġew irfinati u ssupplimentati permezz ta' taġħlim bejn il-pari u skambji ta' prassi tajba bejn l-Istati Membri, permezz ta' aktar riċerka u permezz ta' analiżi dettaljata tal-linji politiċi adottati fil-livell nazzjonali. Il-mira ewlenija tal-Ewropa 2020 dwar l-ESL żammet din il-kwistjoni fil-quċċata tal-aġendi tal-politika nazzjonali u kkontribwixxiet għall-promozzjoni ta' riformi edukattivi.

Għalkemm sar progress solidu fit-tnaqqis tar-rati tal-ESL f'dawn l-aħħar snin, għad hemm wisq studenti li jitolqu l-edukazzjoni qabel iż-żmien¹². Għad hemm diskrepanzi kbar bejn u fi ħdan l-Istati Membri, u l-istrateġiji komprensivi promossi fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2011 għadhom nieqsa f'ħafna pajjiżi.

Għal din ir-raġuni, l-UE u l-Istati Membri jirrikonoxxu l-ħtieġa li jsegwu b'mod attiv l-isforzi biex tintlaħaq - u, fejn possibbli, anke tinqabeż - il-mira ta' Ewropa 2020.

¹¹ Ir-Renju Unit vvotat kontra din ir-Rakkomandazzjoni.

¹² Skont data tal-2014, 11.1% ta' dawk bejn it-18 u l-24 sena telqu l-edukazzjoni u t-taħriġ mingħajr ma lestew programm ta' sekondarja għolja, li jammonta għal madwar 4.4 miljun żagħżuġh (Sors: Eurostat (LFS), 2014).

JENFASIZZA LI

1. It-tluq bikri mill-iskola għandu t-tendenza li jirriżulta minn firxa ta' fatturi personali, soċjali, ekonomiċi, kulturali, edukattivi, relatati mal-ġeneru u fatturi relatati mal-familja li huma ta' spiss interkonnessi, u huwa marbut ma' sitwazzjonijiet ta' żvantaġġ kumulattiv li l-oriġini tagħhom tinsab ħafna drabi fit-tfulija bikrija. Gruppi bi status soċjoekonomiku baxx huma milquta iktaru r-rati ta' tluq bikri mill-iskola huma b'mod partikolari allarmanti għal ċerti gruppi, bħal tfal bi sfond ta' migrazzjoni (inklużi migranti li għadhom kif waslu u tfal imwielda barra mill-pajjiż), tfal tar-Roma u tfal bi bżonnijiet edukattivi speċjali.
2. It-tfassilu l-kwalità tas-sistemi tal-edukazzjoni għandhom ukoll impatt qawwi fuq il-parteċipazzjoni u l-prestazzjoni ta' min qed jitgħallem, u ċerti fatturi sistemiċi jistgħu jinfluwenzaw b'mod negattiv il-progress fit-tagħlim. Barra minn hekk, fatturi bħal klima mhux favorevoli fl-iskejjel, il-vjolenza u l-bullying, ambjent ta' tagħlim fejn min qed jitgħallem ma jħossux irrISPETTAT jew stmat, metodi ta' tagħlim u kurrikuli li mhux dejjem ikunu l-iktar xierqa, appoġġ insuffiċjenti għal min qed jitgħallem, nuqqas ta' edukazzjoni u gwida dwar il-karriera jew relazzjonijiet ħżiena bejn l-għalliema u l-studenti jistgħu jwasslu lil min qed jitgħallem biex jitlaq l-edukazzjoni qabel iż-żmien.
3. Fis-soċjetajiet dejjem aktar diversi tagħna, hemm ħtieġa urġenti għal risposti inklużivi u koordinati kemm minn partijiet ikkonċernati edukattivi kif ukoll dawk mhux edukattivi li huma mmirati lejn il-promozzjoni ta' valuri komuni bħalma huma t-tolleranza, ir-rispett reċiproku, l-opportunitajiet indaqs u n-nondiskriminazzjoni, kif ukoll it-trawwim tal-integrazzjoni soċjali, il-fehim interkulturali u sens ta' appartenenza.

4. Li wieħed jiżgura li kull persuna żagħżugħa jkollha aċċess ugwali għal edukazzjoni ta' kwalità u inkluziva¹³ u l-opportunità li tiżviluppa l-potenzjal sħiħ tagħha, irrispettivament minn fatturi individwali, relatati mal-familja jew relatati mal-ġeneru, l-istatus soċjoekonomiku u l-esperjenzi tal-ħajja, huwa essenzjali biex tiġi evitata l-marġinalizzazzjoni u l-esklużjoni soċjali, kif ukoll biex jitnaqqas ir-riskju tal-estremiżmu u r-radikalizzazzjoni.

5. It-tlestija tal-edukazzjoni sekondarja għolja jew l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali għandha t-tendenza li tiġi meqjusa bħala l-kwalifika minima ta' dħul għal transizzjoni b'suċċess mill-edukazzjoni għas-suq tax-xogħol, kif ukoll għad-dħul għall-istadji li jmiss ta' edukazzjoni u taħriġ. Billi dawk li jtilqu l-edukazzjoni u t-taħriġ qabel iż-żmien jiffaċċjaw riskju ogħla ta' qgħad, faqar u esklużjoni soċjali, l-investiment li jappoġġa l-kisba edukattiva taż-żgħażaġh jista' jgħin biex jinkiser iċ-ċiklu ta' privazzjoni u t-trasmissjoni interġenerazzjonali tal-faqar u l-inugwaljanza.

¹³ Għall-finijiet ta' dawn il-Konklużjonijiet, it-terminu *edukazzjoni inklużiva* jirreferi għad-dritt ta' kulħadd għal edukazzjoni ta' kwalità li tissodisfa l-ħtiġijiet bażiċi ta' taġlim u li tarrikkixxi l-ħajjiet ta' dawk li qed jitgħallmu.

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI, BIL-KONSIDERAZZJONI DOVUTA GĦALL-PRINĊIPJU TA' SUSSIDJARJETÀ U F'KONFORMITÀ MA' ĊIRKOSTANZI NAZZJONALI, BIEX

1. Ikomplu jwettqu b'mod attiv l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2011 dwar linji politiċi sabiex jitnaqqas it-tluq bikri mill-iskola, b'mod partikolari billi:
 - (a) jitkompla l-proċess tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' strateġiji komprensivi - jew linji politiki integrati ekwivalenti magħmulin minn miżuri ta' prevenzjoni, intervent u kumpens msejsa fuq l-evidenza - li huma integrati b'mod koerenti f'edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja, u li jibbenefikaw minn impenn politiku sostnut b'enfasi kbira fuq il-prevenzjoni;
 - (b) jiżguraw il-parteċipazzjoni b'impenn tal-partijiet ikkonċernati mill-oqsma kollha rilevanti (b'mod partikolari dawk tal-edukazzjoni u t-taħriġ, l-impjieg, l-affarijiet ekonomiċi, l-affarijiet soċjali, is-saħħa, id-djar, iż-żgħażaġh, il-kultura u l-isport) u l-kooperazzjoni fit-tul bejniethom fi u tul il-livelli kollha, imsejsa fuq rwoli u responsabbiltajiet identifikati b'mod ċar u li jinvolvu koordinazzjoni mill-qrib.

2. Flimkien mal-indikatur tal-UE ta' tluq bikri mill-iskola, jesploraw opportunitajiet għall-iżvilupp jew it-tisħiħ ta' sistemi nazzjonali ta' ġbir ta' data li b'mod regolari jiġbru firxa wiesgħa ta' tagħrif¹⁴ dwar dawk li qed jitgħallmu, speċjalment dawk fir-riskju u dawk li jitolqu mill-iskola qabel iż-żmien. Sistemi bħal dawn, li jkopru l-livelli u t-tipi kollha ta' edukazzjoni u taħriġ u f'konformità sħiħa mal-leġislazzjoni nazzjonali dwar il-protezzjoni tad-data, jistgħu:

- (a) jippermettu l-monitoraġġ regolari tal-progress fl-edukazzjoni bil-ħsieb li jinkixfu u jiġu identifikati kmieni dawk li qed jitgħallmu li qegħdin fir-riskju li jitolqu mill-iskola qabel iż-żmien;
- (b) jgħinu fid-definizzjoni tal-kriterji u l-indikaturi għall-identifikazzjoni tal-iżvantaġġ edukattiv;
- (c) jgħinu biex jinftiehm u r-raġunijiet għat-tluq bikri mill-iskola, inkluż billi jinġabru l-fehmiet ta' dawk li qed jitgħallmu;
- (d) jiffaċilitaw l-aċċessibilità ta' data u tagħrif f'livelli differenti ta' politika u l-użu ta' tagħhom fit-tmexxija u l-monitoraġġ tal-iżvilupp tal-politika;
- (e) jipprovdu l-bażi għall-iżvilupp ta' gwida u appoġġ effettivi fl-iskejjel bil-ħsieb li t-tluq bikri mill-iskola jiġi mxekkel, kif ukoll miżuri ta' segwitu għal zghażaġh li abbandunaw l-edukazzjoni u t-taħriġ qabel iż-żmien.

¹⁴ *firxa wiesgħa ta' tagħrif* tfisser b'mod partikolari li wieħed isir jaf aktar dwar:

- l-età li fiha ma jitkomplewx l-edukazzjoni u t-taħriġ;
- ir-relazzjoni bejn it-tluq bikri mill-iskola u l-iskartar;
- id-differenzi fir-rigward tat-tluq bikri mill-iskola skont il-ġeneru, il-prestazzjoni akkademika jew il-livelli miksuba ta' edukazzjoni;
- l-isfond soċjoekonomiku jew indikatur, bħal tagħrif dwar il-viċinat;
- l-isfond u/jew il-lingwa materna ta' min qed jitgħallmu.

3. Fejn rilevanti, jikkunsidraw li jistabilixxu miri nazzjonali aktar ambizzjużi għat-tnaqqis tat-tluq bikri mill-iskola, b'mod partikolari jekk dawk eżistenti diġà ġew milħuqa.
4. Jidentifikaw dawk l-iskejjel jew l-ambjenti lokali li jippreżentaw riskju għoli ta' tluq bikri mill-iskola u livelli għoljin ta' żvantaġġ edukattiv u li jistgħu jibbenefikaw minn appoġġ jew riżorsi addizzjonali.
5. Ikomplu jwettqu - kif xieraq - ir-riforma tas-sistemi tal-edukazzjoni, billi jħarsu lejn l-ispettru kollu tal-edukazzjoni u t-taħriġ, inkluż it-tagħlim mhux formali u jirrikonoxxu r-rwol tal-ħidma fost iż-żgħażaġh, bil-ħsieb li tiġi msaħħa l-kontinwità strutturali, pedagoġika, kurrikulari u professjonali, jiġu ffaċilitati t-transizzjonijiet, jiġu indirizzati s-segregazzjoni u l-inugwaljanzi fis-sistemi edukattivi u jiġu promossi miżuri li jappoġġaw il-progress u l-kisba edukattiva ta' dawk li qed jitgħallmu u li jimmotivawhom biex jikkompletaw l-edukazzjoni tagħhom.
6. Jiżguraw aċċess ekwu u ġeneralizzat għal edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal affordabbli, u ta' kwalità għolja. Il-ħiliet konjittivi u dawk mhux konjittivi żviluppaw waqt l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal jistgħu jgħinu lit-tfal jiżviluppaw il-potenzjal sħiħ tagħhom u jipprovdulhom l-pedamenti għall-ħajja u s-suċċess fl-iskola. L-istrutturi tal-ECEC għandhom iħeġġu wkoll it-tagħlim effettiv tal-lingwa/i ta' struzzjoni, filwaqt li jirrispettaw id-diversità kulturali u lingwistika. L-iżvilupp ta' sens ta' appartenenza u l-istabbiliment ta' relazzjonijiet siguri u ta' fiduċja minn età żgħira huma kruċjali għat-tagħlim u l-iżvilupp ulterjuri tat-tfal.

7. Iħeġġu u jippromwovu approċċi kollaborattivi (“l-iskola kollha”) biex jitnaqqas it-tluq bikri mill-iskola fil-livell lokali, pereżempju permezz ta’:
- a) possibbiltà akbar għall-iskejjel biex jimmanuvraw fir-rigward ta' governanza, kwistjonijiet tal-kurrikulu u metodi ta' ħidma, inkluż permezz ta' aktar awtonomija akkumpanjata minn responsabbiltà effettiva;
 - b) mekkaniżmi ta' assigurazzjoni tal-kwalità u proċessi ta' ppjanar u titjib tal-iskejjel miftuħin u trasparenti adegwati, li huma stabbiliti u implimentati bl-involvement attiv tal-komunità skolastika kollha (mexxejja tal-iskejjel, għalliema u persunal mhux għalliem, dawk li qed jitgħallmu, ġenituri u familji);
 - c) sħubijiet effettivi u kooperazzjoni transettorjali bejn skejjel u partijiet ikkonċernati esterni , inkluża firxa ta' professjonisti, NGOs, kummerċi, assoċjazzjonijiet, persuni li jaħdmu maż-żgħażaġh, awtoritajiet u servizzi lokali, u rappreżentanti oħrajn mill-komunità kollha f'konformità mal-kuntesti lokali;
 - d) kooperazzjoni bejn skejjel ta' tipi u livelli differenti li jinsabu fl-istess żona, kif ukoll komunitajiet ta' netwerking u ta' taġġim multiprofessjonali fuq livelli reġjonali, nazzjonali u internazzjonali, sabiex jiġi promoss l-iskambju ta' prassi tajba;
 - e) eċċellenza fil-governanza u t-tmexxija tal-iskejjel, pereżempju billi jittejbu l-proċeduri ta' rekrutaġġ u l-opportunitajiet ta' żvilupp professjonali kontinwi għall-mexxejja tal-iskejjel;

- f) kultura ta' appoġġ u kollaborazzjoni bejn studenti, ġenituri, familji u persunal tal-iskejjel, bil-ħsieb li tissaħħaħ l-identifikazzjoni taż-żgħażaġħ mas-sistema tal-iskola, tiżdied il-motivazzjoni taġħhom biex jitgħallmu u jithegġegħ l-involvement taġħhom fi proċessi kooperattivi ta' teħid ta' deċiżjonijiet;
- g) appoġġ għall-iskejjel fil-komunikazzjoni mal-ġenituri u l-familji kollha lil hinn mir-rekwiżiti formali għall-parteciġpazzjoni, u fil-bini ta' kultura ta' fiduċja u riġpett reċiproċi fejn il-ġenituri u l-familja jħossuħom milqugħa fl-iskola u jħossuħom involuti fit-tagħlim ta' wliedħom;
- h) mekkaniżmi biex jiġu identifikati sinjali bikrija ta' diżimpenn, bħal assenzi regolari jew kwistjonijiet ta' imġiba;
- i) oqfsa ta' appoġġ sistematiku għal dawħ li qed jitgħallmu li qegħdin fir-riskju li jtilqu mill-iskola qabel iż-żmien, inkluż gwida esperta, konsulenza u appoġġ psikoloġiku, kif ukoll il-possibbiltà ta' appoġġ addizzjonali għal dawħ li qed jitgħallmu li l-lingwa/i materna/i taġħhom mhijiex/mħumiex il-lingwa/i tat-tagħlim;
- j) il-provvista ta' firxa wiesgħa ta' attivitajiet aċċessibbli li jmorru lil hinn mill-kurrikulu u li jsiru barra mill-iskola - pereżempju, fl-isport, l-arti, il-volontarjat jew il-ħidma fost iż-żgħażaġħ -li jistgħu jikkomplementaw l-esperjenza tat-tagħlim, kif ukoll iżidu l-parteciġpazzjoni, il-motivazzjoni u s-sens ta' appartenenza tal-istudenti.

8. Filwaqt li jrawmu aspettattivi għoljin fl-istudenti kollha u jippromwovu l-aċċess għall-ħiliet u l-għarfien bażiċi li jippreparawhom bl-aħjar mod għall-futur, jesploraw il-potenzjal ta' forum ta' taġġim u ta' kif wieħed jitgħallem aktar ippersonalizzati u ċċentrati fuq min qed jitgħallem, inkluż permezz ta' riżorsi diġitali, kif ukoll l-użu ta' metodi differenti ta' valutazzjoni bħalma hija l-valutazzjoni formattiva¹⁵.
9. Jiżguraw, b'konsiderazzjoni dovuta għall-awtonomija istituzzjonali, li l-edukazzjoni inizjali tal-għalliema u l-iżvilupp professjonali kontinwu jipprovdi lill-għalliema, lil min iħarreġ, lill-mexxejja tal-iskejjel, lill-professjonisti tal-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal u lil persunal ieħor bil-ħiliet, il-kompetenzi u t-tagħrif bażiku meħtieġa biex jifhmu u jindirizzaw l-iżvantaġġi edukattivi u l-fatturi possibbli ta' riskju li jistgħu jwasslu għal diżimpenn jew tluq bikri mill-iskola. Tali ħiliet, kompetenzi u għarfien jistgħu jkopru kwistjonijiet bħalma huma strateġiji ta' ġestjoni tal-klassijiet u tad-diversità, bini ta' relazzjonijiet, riżoluzzjoni ta' konflitti, tekniki tal-prevenzjoni tal-bullying, u edukazzjoni u gwida professjonali.
10. Jiżguraw li daww kollha li qed jitgħallmu jkollhom aċċess għal edukazzjoni u gwida professjonali, toroq edukattivi aktar flessibbli u edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali ta' kwalità għolja u ta' valur ugwali għall-edukazzjoni ġenerali.
11. Jipprovdu aċċess għal skemi ta' kwalità għolja tat-"tieni ċans" u opportunitajiet oħrajn biex ż-żgħażaġh kollha li telqu l-edukazzjoni qabel iż-żmien jerġgħu jidħlu fis-sistema edukattiva ġenerali, u jiżguraw li kwalunkwe għarfien, ħila u kompetenza miksuba permezz ta' dawn il-mezzi, inkluż permezz ta' taġġim mhux formali u informali, jiġu vvalidati f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2012¹⁶.

¹⁵ Għall-finijiet ta' dawn il-Konklużjonijiet, it-terminu *valutazzjoni formattiva* jirreferi għal miżuri li jintużaw fl-identifikazzjoni preċiża tal-bżonnijiet ta' daww li qed jitgħallmu u biex jingħata feedback f'ħinu u kontinwu bħala parti mill-proċess ta' taġġim.

¹⁶ ĠU C 398, 22.12.2012, p. 1 - 5.

JISTIENEN LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI BIEX

1. Jagħmlu l-aħjar użu mill-opportunitajiet disponibbli taħt il-qafas strateġiku ET 2020 u permezz tal-metodu miftuħ ta' koordinazzjoni, inkluża l-possibbiltà ta' tisħiħ tal-iżvilupp ta' taġlim bejn il-pari u, fejn meħtieġ, mill-ikkuntrattar ta' riċerka u studji, sabiex isaħħu t-tfassil ta' politika bbażata fuq l-evidenza u biex jiżviluppaw u jxerrdu eżempji ta' prattika ta' politika ta' suċċess.
2. Jużaw l-opportunitajiet ta' finanzjament offruti permezz ta' strumenti tal-UE bħall-Programm *Erasmus +*, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi¹⁷ biex jappoġġaw miżuri biex jitnaqqas it-tluq bikri mill-iskola bħala parti minn linji politiċi komprensivi u biex jippromwovu l-kooperazzjoni fl-iskejjel u madwarhom.
3. Ikomplu jidentifikaw, permezz tar-riċerka u t-taġlim bejn il-pari, eżempji tal-prassi kollaborattivi l-aktar effettivi fl-iskola u fil-livell lokali mmirati biex jittaffa l-iżvantaġġ edukattiv, jitnaqqas it-tluq bikri mill-iskola u tiġi żgurata edukazzjoni aktar inklużiva. Jiġi żgurat it-tixrid wiesa' ta' dawn il-prassi fost il-prattikanti u l-partijiet ikkonċernati fl-iskejjel, b'mod partikolari permezz tal-komunità tal-Ġemellaġġ elettroniku u l-Portal tal-Edukazzjoni Skolastika (School Education Gateway).

¹⁷ Regolament (UE) 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti u l-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013 [ĠU L 169, 1.7.2015, p. 1–38].

JISTIEDNU LILL-KUMMISSJONI BIEX

1. Tkompli ssegwi u xxerred tagħrif dwar żviluppi fl-Istati Membri, u tirrapporta b' mod perjodiku dwar il-progress lejn il-mira tal-*Ewropa 2020* u dwar l-implimentazzjoni tal-istrateġiji jew il-politiki integrati ekwivalenti tal-Istati Membri dwar it-tluq bikri mill-iskola fil-kuntest tas-Semestru Ewropew u l-arranġamenti ta' rapportar ET 2020, inkluż permezz tal-Monitoraġġ tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ.
2. Tiżviluppa aktar kooperazzjoni mar-riċerkaturi, l-Istati Membri, il-partijiet ikkonċernati rilevanti, netwerks u organizzazzjonijiet, bil-għan li tiġi appoġġata l-implimentazzjoni tal-linji politiċi nazzjonali u tal-UE dwar it-tluq bikri mill-iskola.
3. Issaħħaħ il-kooperazzjoni fuq dan is-suġġett ma' organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti bħall-OECD f'kollaborazzjoni mal-Istati Membri.
4. Tfakkar fl-importanza li tinżamm enfasi fuq l-edukazzjoni inklużiva u jitnaqqas it-tluq bikri mill-iskola fil-kuntest tar-rieżami ppjanat ta' nofs it-terminu tal-*Erasmus+*.